**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 3 t'April, 2001

**Numru 2**

**Avviz. numru 134/01JR**

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Kevin Cutajar**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Frar, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mitejn tlieta u tletin lira Maltija u tnejn u tmenin centezmu (Lm233.82), in kwantu ghas-somma ta' mitejn u wiehed u ghoxrin lira Maltija import ta' hames (5) kambjali mmarkati Dokumenti 1,2,3,4 u 5 u li d-data tal-maturita` taghhom skadiet u in kwantu ghas-somma ta' tnax-il lira (Lm12.00) bhala imghaxijiet legali sal-lum fuq l-istess ammont;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali ulterjuri mid-data tal-lum sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. John Buttigieg ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn tlieta u tletin lira Maltija u tnejn u tmenin centezmu (Lm233.82) bl-imghaxijiet legali ulterjuri mit-22 ta' Frar, 2001, sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**